MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 70/2015

**Borg &Aquilina Limited (C-496)**

**Vs**

**Mark Taliana (KI Nru 270481M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta’ attrici datat 29 ta’ Jannar, 2015 fejn ippremettiet:

Illi l-intimat huwa debitur tas-Socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ sitt mija u disgha u disghin Ewro u disgha u disghin centezmu (€699.99c), bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta’ prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-intimati mis-Socjeta’ rikorrenti fuq ordni tieghu stess ghall-perjodu bejn April u Lulju tal-2013, u dan, kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok BA1’.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-intimat baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, salv kwalunkwe dikjarazzjoni ulterjuri, s-Socjeta' rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara lill-intimat huwa debitur tas-Socjeta' rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' sitt mija u disgha u disghin Ewro u disgha u disghin centezmu (€699.99c);
2. Jordna lill-intimat sabiex ihallas lis-Socjeta' rikorrenti l-imsemmi ammont ta' sitt mija u disgha u disghin Ewro u disgha u disghin centezmu (€699.99c);

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13.

Ra in-nota tal-konvenut prezentata fil-5 ta' Mejju, 2015 li biha ammetta l-kreditu pretiz mis-Socjeta' attrici u li bi qbil mas-Socjeta` attrici ser jhallas is-sorte flimkien mal-ispejjes ta' din il-kawza f'pagamenti mensili ghall-erba' (4) xhur bl-ewwel pagament li kellu jsir fil-31 ta' Mejju, 2015 .

Ra l-verbal tal-5 ta' Mejju, 2015 fejn ntalab li t-talba tmur ghas-Sentenza.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici bl-ispejjes hekk kif mitluba fin-nota tal-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------